MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1700/2005

**Avviz Numru 1700/2005VGD**

F. Cordina & Sons Limited (C2864)

Vs

Michael Balzan Limited (C15764).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' erba mija, disgha u tletin lira Maltin u seba centezmi (Lm439.07c) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar, dovut ghal bejgh ta' merkanzija, liema merkanzija giet mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta Illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx dan il-bilanc nonostante li giet interpellata sabiex taghmel dan. Illi l-ammont mitlub

huwa indikat fir-rendikont anness u markat bhala Dokument ‘A’. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. L-ammont pretiz mhuwiex dovut kif ser jirrizulta minn rendikont u fatturi tas-socjeta’ konvenuta. Is-socjeta’ attrici irrikjediet illi jithallsu l-imghaxijiet meta ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-kontendenti dwar dan. Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.

Sema x-xhieda ta’ Ronald Cordina prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema x-xhieda ta’ Michael Balzan prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Sema x-xhieda ta’ Louise Balzan prodotta mis-socjeta’ konvenuta.

Ra l-affidavit ta’ Michael Balzan.

Ra l-verbal tat-22 ta’ Mejju 2007, fejn il-partijiet iddikjaraw illi hemm qbil bejniethom li l-ammont ta’ Lm109.56 huwa dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici u li ghalhekk qed jigi kkontestat biss l-ammont ta’ Lm329.51 mill-ammont mitlub fl-Avviz, liema ammont jirrapprezenta imghaxijiet.

Ra n-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta’ attrici.

Ra n-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi mill-provi prodotti gie stabilit li l-partijiet kienu ilhom f’relazzjoni kummercjali flimkien ghal diversi snin, fis-sens illi s-socjeta’ konvenuta kienet ilha s-snin tixtri merkanzija minghand is-socjeta’ attrici. Ix-xoghol kien jinbiegh mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta ‘on credit’ u

perjodikament din ta’ l-ahhar kienet taghmel xi pagamenti akkont.

Illi f’xi zmien gara li r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet intemmet peress illi s-socjeta’ konvenuta kienet sabet l-istess merkanzija ghall-bejgh band’ohra, bi prezzijiet orhos, u ghalhekk iddecidiet li ma tkomplix tixtri minghand is-socjeta’ attrici.

Illi l-kwistjoni kollha f’din il-kawza tirrigwarda l-fatt li s-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ l-imghax dovut fuq kontijiet ‘outstanding’ li kellha s-socjeta’ konvenuta, filwaqt li s-socjeta’ konvenuta qed tirrifjuta li thallas dan l-ammont peress illi skond hi, qatt ma kien hemm ftehim fuq imghaxijiet, u peress illi s-socjeta’ attrici qatt ma talbet il-hlas ta’ imghax minghandha sakemm ir-relazzjoni kummercjali bejniethom bdiet tmajna.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 li jiddisponi hekk kif gej:- ‘ *Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso iure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita.’*

F’dan il-kaz huwa car li t-tranzazzjonijiet li kienu qedin isiru bejn il-partijiet kienu ta’ natura kummercjali u ghalhekk l-imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru ‘ipso iure’.

Illi huwa fatt li gie anki ammess mid-Direttur tas-socjeta’ attrici Ronald Cordina, illi ghal diversi snin is-socjeta’ attrici qatt ma talbet jew ippretendiet il-hlas ta’ imghax minghand is-socjeta’ konvenuta alavolja l-pagamenti kienu jsiru tardivament, u kienu anki jghaddu diversi xhur bejn il-konsenja u l-pagament.

Mill-banda l-ohra pero, fuq il-fatturi kollha mahruga mis-socjeta’ attrici, kien hemm miktub car il-kliem:- ‘Payment due within 30 days of invoice. Late payments are subject to 1% per month interest’, filwaqt li fuq fatturi ohrajn hemm imnizzel il-kliem ‘‘Payment due within 30 days of invoice.

Late payments are subject to 8% per annum interest'. Dawn il-fatturi kollha gew accettati mis-socjeta' konvenuta, u ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-istess. Di piu' huwa ammess ukoll illi l-firem fuq dawn il-fatturi kollha huma ta' xi impjegat jew iehor tas-socjeta' konvenuta.

Illi t-Tribunal jidhirlu li apparti l-fatt illi l-ligi hija cara dwar kif ghandhom jiddekorru l-imghaxiiet f'kaz bhal dan, kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mis-socjeta' konvenuta, fil-fatt kien hemm ftehim dwar imghaxijiet bejn il-partijiet. Is-semplici fatt illi kull fattura kellha mnizzel car fuqha kif u meta kellhom jikkdekorru l-imghaxijiet u l-fatt illi kull fattura giet accettata u ffirmata hija prova fiha nnifisha li kien hemm ftehim inekwivoku dwar l-imghaxijiet.

It-Tribunal jaqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici illi anki jekk ghal diversi snin is-socjeta' attrici ghazlet li ma titlobx l-imghax minghand is-socjeta' konvenuta dan ma jfissirx illi kienet qed tirrinunzja ghall-imghax li setghet titlob fil-futur.

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici mhijiex qed titlob imghax fuq dawk il-pagament li hija accettat u li saru tardivament u cioe fuq dawk il-fatturi kollha precedenti, izda bdiet titlob l-imghax fuq dawk il-fatturi li hargu wara, u s-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda dritt li tinjora jew tassumi li ma kellhiex obbligu li thallas dan ghas-semplici raguni li precedentement tali imghax gie mahfur lilha mis-socjeta' attrici.

Fl-ahharnett, kif intqal izjed 'l fuq, mill-ammont mitlub ta' erba mija, disgha u tletin lira Maltin u seba centezmi (Lm439.07c), il-partijiet qablu li l-ammont ta' Lm109.56 huwa dovut mis-socjeta' konvenuta, u l-qbija, u cioe l-ammont ta' Lm329.51 jirrapprezenta imghaxijiet. It-Tribunal jinnota li ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar kif inhadmu l-imghaxijiet jew kif gew komputati u ghalhekk l-ammont mitlub ser jigi kkunsidrat bhala ammont gust u mahdum skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€1022.76), ekwivalenti ghal Lm439.07c, oltre l-imghaxijiet ulterjuri fuq l-ammont ta' mitejn u hamsa u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€255.20) ekwivalenti ghal Lm109.56c, mid-data tal-prezentata tal-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------